

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Meju 2016 – Capsugel Belgium vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-266/16)**

(2016/C 279/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Capsugel Belgium (Bornem, il-Belġju) (rappreżentanti: H. Vanhulle, B. van de Walle de Ghelcke, C. Borgers u N. Baeten, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9873 finali tal-11 ta' Jannar 2016 dwar l-iskema ta' għajjnuna mill-Istat dwar l-eżenzjoni tal-profit żejjed SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mir-Renju tal-Belġju;
- sussidjarjament, tannulla l-Artikoli 2 sa 4 tad-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni fil-konstatazzjoni tal-miżura ta' għajjnuna allegata u fil-klassifikazzjoni tagħha tal-iskema ta' għajjnuna skont l-Artikolu 1(d) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, tat-13 ta' Lulju 2015, li jistabblixi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Artikolu 107 TFUE.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 107 TFUE, fuq nuqqas ta' motivazzjoni u fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni fil-konstatazzjoni li l-iskema Belġjana ta' aġġustament ta' benefiċċji żejda tikkostitwixxi miżura ta' għajjnuna.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 2015/1589.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 2(6) TFUE u fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament kif ukoll fuq l-abbuż ta' poter minħabba l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar għajjnuna mill-Istat sabiex tiġi pprohjbta l-iskema Belġjana ta' aġġustament ta' benefiċċji żejda.

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Meju 2016 – Atlas Copco Airpower u Atlas Copco vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-278/16)**

(2016/C 279/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Atlas Copco Airpower (Antwerp, il-Belġju) u Atlas Copco AB (Nacka, l-Isvezja) (rappreżentanti: A. von Bonin, A. Haelterman u O. Brouwer, avukati)